# Mużika u Baned

*(Ir-raba' parti)*

kitba u riċerka ta' Lorenzo ZAHRA



Wara li nedejna din ir-rubrika interessanti fl-annwal tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard fl-2004 (fejn bdejna mill-1805 u koprejna sa l-1883), komplejna bit-tieni parti fl-annwal 2006 (snin 1884-1891) u t-tielet parti s-sena l-oħra (snin 1892 u 1893) ser inkomplu bir-raba' parti, fejn ser nibdew mill-1894.

Ta' min jirrimarka li ħadd ma għandu jippretendi li ser isib il-ħidma tal-baned kollha li kienu twaqqfu sa dak iż-żmien. Huwa fatt ukoll li xi baned ma tantx kienu jagħtu każ biex jibgħatu tagħrif lill-ġurnali, waqt li oħrajn ma kienux jonqsu jibgħatu u naturalment isibu appoġġ għall-publikazzjoni. Bosta drabi l-baned kienu jibgħatu l-programmi li jkunu ser jesegwixxu u li jkunu ppublikati. Ħaġa li mis-snin tletin bdew jiġu ppubblikati programmi f'xi ktejjeb mill-istess Każini jew istituzzjonijiet festivi. Dawn illum saru kotba ta' interess, imżewqa bir-ritratti u mimlija bil-messaġġi uffiċjali, b'tagħrif dwar il-ħidma u programmi mużikali kif ukoll tagħrif storiku marbut mal-baned, il-festi u l-knejjes tagħna. Dawn jiffurmaw il-ġrajja għal quddiem. Nifhmu li r-referenzi tagħna li ġbarna jkunu ta' għajnuna fit-tiftix għal aktar tagħrif dwar ġrajjet il-baned tagħna – l-awtur Lorenzo Zahra.

Referenzi u abbrevjazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| Avv | Avvenire |
| B tal-M | Bandiera tal-Maltin |
| CMM | Cor. Merch. Maltese |
| DMC | Daily Malta Chronicle |
| G di M | Gazzetta di Malta |
| M/H | Malta Herald |
| M | Il Malta |
| M/T | Malta Tagħna |
| Malta Std. | Malta Standard |
| Pub. Op. | Public Opinion |

## 1894

Il-Banda S. Gaetano diretta minn Farena ddoqq fi Pjazza S. Pawl fil-Ħamrun għall-ewwel darba. (Il-Habbar Cattolicu, 01/02).

Il-Banda Pinto ddoqq fil-Pjazza S. Franġisk diretta mis-Surmast Agius f'żewġ programmi. (Il-Habbar Cattolicu, 01/0 2).

Is-Surmast Domenico Amore miet fl-età ta' 86 sena fit-12 ta' Frar 1894. Ġie Malta fl-1820 u kien impressarju għat-Teatru. (P/L Lib., 14/01).

Sehem tal-Banda Unione ta' Ħal-Luqa. (Malta, 08/02, 25/05 u 10/08).

Il-Banda Pinto għat-tieni darba ddoqq fi Pjazza S. Franġisk bis-Surmast A. Agius. (Il-Habbar Cattolicu, 12/02).

Tifħir lill-Banda La Vallette u lill-Banda *Royal Irish Rifle* li kienet diretta minn Henderson. (Pub. Op., 17/02).

Ftuħ tal-Każin San Filippu ġewwa f'Ħaż-Żebbuġ. (Il-Habbar Cattolicu, 28/02).

Jaqa' l-palk bil-bandisti b'kollox fil-festa ta' San Pawl il-Belt. (Malta Std., 13/02).

Il-Banda Prince of Wales tal-Belt diretta minn Filippo Galea fi Pjazza S. Ġorġ fil-Belt fl-4 ta' Marzu. (Risorgimento, 03/03).

Il-Banda S. Gaetano tmur l-Imsida fi Pjazza Palma diretta minn Farina. (Il-Habbar Cattolicu, 14/03).

Il-Banda S. Giorgio ta' Bormla fi Pjazza S. Margerita f'idejn is-Surmast Catania. (Pub. Op., 15/03).

Il-Banda tal-Birgu La Vittoriosa fil-festa ta' Kristu Rxoxt tal-Belt. (Risorgimento, 29/03).

Jitħabbar li l-Banda ta' Ħal-Qormi tinqasam fi tnejn. (Il-Habbar Cattolicu, 11/04).

Il-Banda ta' Bormla fil-festa ta' San Publiju fil-Furjana. (M/T, 14/04).

Il-Verità tat-28 t'April tikteb dwar il-permessi għat-tombli, li billi dawn kienu sors ta' għajnuna għaż-żamma tal-baned kien hawn irwiefen kontra dan il-logħob. Dan il-ġurnal ippublika kif ingħataw it-tombli f'sena paragunati man-numru ta' programmi li għamlu l-baned:

| *banda* | *lokal* | *programmi* | *tombli* |
|---|---|---|---|
| Duke of Edinburgh | Birgu | 34 | 2 |
| La Vittoriosa | Birgu | 25 | 2 |
| La Vallette | Belt Valletta | 31 | 1 |
| Cavalieri di Malta | Sliema | 40 | 1 |
| L'Isle Adam | Rabat | 32 | 1 |
| La Pace | Naxxar | 35 | xejn |
| Beland | Żejtun | 36 | 1 |
| Alleanza | Birkirkara | 43 | 2 |
| La Stella | Birkirkara | 17 | 1 |

Tiġi Malta l-Banda Maltija ta' Tunes milqugħha

mil-La Vallette, imma ħadu sehem il-Baned ta' Bormla u Duke of Edinburgh tal-Birgu. (CMM, 15/05).

Kunċert mill-Banda ta' Tunes assistita mil-La Vallette u ieħor mill-Banda Duke of Edinburgh u mill-Banda S. Giorgio ta' Bormla fit-Teatru. (Risorgimento, 10/05).

Jitħabbar li l-Banda La Vittoriosa tal-Birgu tissemma' Duke of York waqt il-Presidenza tal-Kurunell Vella. (M/T, 18/05).

Il-Banda Duke of Edinburgh fil-Queen's Party għand l-Ammirall Superintendent fix-Xatt tal-Birgu. (DMC, 29/05).

**Il-Prof. Napuljun Tagliaferro**, President tal-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta, isejjaħ konkors tal-Baned. (M/T, 02/06).

Fil-ġurnali kienet għaddejja diskussjoni dwar il-mużika sagra fil-knejjes tagħna. (Portafoglio, 25/06).

Il-Banda S. Ġorġ ta' Bormla fil-kummiedja (*Circus*) fil-Furjana. (DMC, 08/06).

Il-Banda l-ġdida taż-Żejtun diretta minn Napuljun Caruana Dingli fil-festa tad-Duttrina. (M/T, 09/06).

Il-Banda La Vallette diretta minn Carabott nhar il-Ħadd 17 tax-xahar fil-Belt. (Pub. Op., 12/06).

Il-Banda La Vincitrice diretta minn Filippu Galea fi Pjazza S. Ġorġ fil-Belt u tesegwixxi mużika tal-**Prof. Napuljun Tagliaferro**. (M/T, 22/06).

Jirriżenja l-President tal-Banda La Vallette għax il-Banda ma riditx iddoqq fil-festa tar-Reġina fil-Belt. (M/T, 23/06 u DMC, 20/05).

Is-Surmast tal-Banda ta' Bormla kien Ignazio Catania. (Malta, Lulju).

La Vincitrice ta' l-Isla fil-festa tal-Karmnu diretta minn G. Portelli. (Il-Habbar Cattolicu, 12/07 u M/T, 14/07).

Il-Banda La Vincitrice diretta minn G. Portelli fil-Belt fil-15 u 16 ta' Lulju. (Pub. Op., 12/07).

Il-Banda S. Ġorġ ta' Bormla diretta minn Ignazio Catania fi Pjazza S. Ġorġ fil-Belt. (Il-Habbar Cattolicu, 13/07).

Il-Banda S. Ġorġ bil-patronat ta' Rear Adm. Duchward King iddoqq fil-Furjana. (Pub. Op., 26/07).

Il-Banda S. Ġorġ ta' Bormla fil-festi ta' San Ġużepp fil-Furjana taħt il-patroċinju ta' l-Ammirall Duckworth. (DMC, 27/07).

Il-Banda La Vallette fil-festa ta' San Duminku fil-Belt. (DMC, 31/07). Kien hemm ukoll iż-żewġ baned tal-Birgu, S. Gejtanu tal-Ħamrun, u l-Cavalieri di Malta ta' tas-Sliema. (Il-Habbar Cattolicu, u Pub. Op., 02/08).

Il-Banda S. Gejtanu ddoqq fl-Imsida diretta minn Farina, fil-festa San Gejtanu kien hemm iż-żewġ baned tal-Ħamrun, iż-żewġ baned tal-Belt, San Ġorġ ta' Bormla, il-Vincitrice ta' l-Isla u l-Banda Pinto. (Il-Habbar Cattolicu, 04/08 u Pub. Op. 02/08).

Tissemma' l-Banda Alleanza ta' Birkirkara bi program. (Malta, 13/08).

Il-Banda S. Andrija ta' Ħal Luqa diretta mis-Surmast Spiteri fil-festa ta' San Ġiljan. (Malta, 24/08).

Il-Banda La Vallette ħadet sehem fil-festa Nazzjonali. (CMM, 31/08).

Titħabbar il-mewt tas-Surmast Domenico Amore – imsejjaħ id-Dekan tal-maestri mużikali ta' Malta. (Malta, 04/09 u Portafoglio, 06/09).

Il-Banda La Pace tan-Naxxar bi programm diretta minn C. Micallef. (Malta, 06/09).

Il-Banda Mater M. Grazie diretta minn Bernard Costa fil-festa f'Ħaż-Żabbar. (Malta, 07/09).

Il-Banda S. Giorgio ta' Bormla fi Pjazza S. Margerita. (Pub. Op., 11/09).

Issir il-festa Nazzjonali fil-Birgu bis-sehem tal-Baned Duke of Edinburgh, l-R.M.A., Tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar, Unione ta' Ħal Luqa u l-Cavalieri di Malta. Kienu tqassmu wkoll 700 ħobża ta' ratal. (Malta, 13/09 u DMC, 07 u 18/09).

Il-Banda tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar diretta minn Costa fi Pjazza S. Margerita. (Pub. Op., 20/09).

Saret festa Nazzjonali bis-sehem ta' dawn il-baned: San Ġorġ ta' Bormla, San Mikiel u Tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar u l-La Vallette. (Malta, 22/09).

## 1895

Il-Banda S. Giorgio ta' Bormla fil-festa ta' San Pawl fil-Belt. (Pub. Op., 07/02).

Il-Banda Konti Ruġġieru ngħatat kandelabru tal-fidda mill-Baruni Tucker. (Pub. Op., 05/02).

Fil-Qrendi kienet inawgurata l-Banda Lourdes. (In-Nazzjon, 10/02/1995).

Fil-festa ta' San Publiju fil-Furjana ħadu sehem il-Baned S. Giorgio ta' Bormla u Duke of Edinburgh tal-Birgu. (M/T, 26/04).

Fil-festa fl-Imsida kienu l-Baned Vincitrice ta' l-Isla u Cavalieri di Malta ta' tas-Sliema. (M/T, 10/05).

Il-Banda S. Giorgio ta' Bormla bi tmexxijja ta' Mro. P. Vassallo tesegwixxi programmi kull nhar ta' Ħamis fi Pjazza S. Margerita tul l-erba xhur tas-sajf. (M/T, 21/06).

Ġew imxandra regoli biex isir konkors għall-aqwa banda ffirmat mis-sinjuri Bencini, Bernard, Lanzon, Vella u l-Kurunell Price. (CMM, 11/06).

Il-Banda Duke of York tal-Birgu fil-festa tad-Duttrina f'Ħaż-Żabbar diretta mis-Surmast A.P. Hare. (M/T, 06/07).

Il-Banda Pinto tmur Reggio Calabria. (L-Orizzont, 16/07/1995).

Il-Baned La Vallette, La Vincitrice ta' l-Isla, S. Giorgio ta' Bormla u Duke of York tal-Birgu fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu. (M/T, 12/07).

Fil-Belt kien hemm dawn il-baned għall-festa tal-Karmnu: S. Ġorġ ta' Bormla, Duke of York tal-Birgu, Vincitrice ta' l-Isla, S. Gejtanu tal-Ħamrun, La Vallette

tal Belt, Duke of Edinburgh tal-Birgu meta is-Surmast Gaetan Grech u kien ikkompona u ndaqq Innu lill-Madonna tal-Karmnu. (Pub. Op., 13/07).

Il-Banda Duke of York tal-Birgu fil-festa tal-Karmnu l-Belt. (M/T, 17/07).

Protesta kontra kitba tat-Taljan Prof. Bosio li kiteb kontra San Pawl. Ħadu sehem fil-protesti l-Baned S. Ġorġ ta' Bormla, Prince of Wales u La Vallette tal-Belt, Duke of Edinburgh u Cavalieri di Malta. (M/T, 21/07).

Il-Banda La Vincitrice ta' l-Isla b'żewġ programmi fuq il-Fosos tal-Furjana. (Malta Tagħna, 31/07).

Il-Banda Vincitrice ta' l-Isla fil-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu kif ukoll fil-festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla. (Malta Tagħna, 03/08).

Waqt il-festi ta' S. Duminku fil-Belt inżammet l-unjoni u ma kien hemm ebda inċident. Ħadu sehem il-Baned Duke of York tal-Birgu, S. Ġużepp tal-Ħamrun, La Vincitrice ta' l-Isla, S. Andrea ta' Ħal Luqa, La Stella t'Għawdex u erba baned oħra. (M/T, 07/08 u Pub. Op., 01/08).

Saret il-qanpiena l-kbira f'Bormla u ħadet sehem il-Banda ta' Bormla u dik ta' l-Isla La Vincitrice. (M/T, 10/08).

Il-Banda Duke of Edinburgh fil-Pjazza l-Birgu diretta minn G. Grech. Il-Banda ta' Bormla tmur Reggio fejn kellhom laqgħa sabiħa mimlija entużjażmu. (M/T, 12/10).

Il-Banda Prince of Wales diretta minn Mro. A.P. Hare fil-Belt fis-17 ta' Novembru. (Pub. Op., 16/11).

Il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu bi programm dirett minn Gaetan Grech fi Pjazza S. Ġorġ fil-Belt Valletta. (M/T, 20/11).

Il-Banda La Concordia taż-Żurrieq fil-festa fl-Imqabba. (CMM, 13/12).

J.C. Hydraulic Products Ltd.



**A company dedicated to higher standards**
Agents for: ATLAS-FERRARI-UNIC-FASSI-R.F. and MAXILIFT CRANES

*Easy, safe and economical, for use on heavy-duty and light-duty vehicles, also for MARINE use.*
*Your one stop shop for all your Hydraulic needs such as Hoses, Parts, Chrome, Cylinders, Winches, Lifts, PowerPacks, Pumps, Valves, Solonoids, Couplings, Filters, Pistons, O-Rings, Seal Kits, Tipping Rams, etc...*

Agents for: FURUKAWA BREAKERS.
BODY BUILDING of light and heavy-duty vehicles also servicing, modifying and repair of HYDRAULIC EQUIPMENT.

'Welcome Garage', Hope Street, Mosta MST 1300, Malta
Tel: (+356) 21 432006 Fax: (+356) 21 413999
E-mail: jchydraulicsltd@fastnet.net.mt